# ĦOBŻNA TA' KULJUM

Ġorġ kien ilu fuq it-tletin sena jbigħ il-ħobż il-Belt; tletin sena fihom medda ġmielha fil-mixja tal-ħajja ta' bniedem iżda, ħlief kull nhar ta' Tnejn meta kien jarfa' mix-xogħol, Ġorġ qatt ma naqas, li filgħodu kmieni, jidħol il-Belt b'tagħbija ħobż tajjeb u sħun, ifuħ u bnin biex iqassmu lil dawk li kienu jixtru minn għandu. Ma' tul dak iż-żmien il-karettun tkisser kemm-il darba u raġa' ssewwa, il-kaxxa tal-ħobż intemmet bix-xogħol u ġġeddet, il-bhima għajjiet u tbiddlet, imma Ġorġ tal-Ħobż baqa' dejjem lieżem u bieżel imidd għonqu bi ħrara kbira għall-ħidma ta' kuljum.

Ix-xogħol kien jibda minn fil-għodu mita Sika, bint Ġorġ, kienet thejji l-ħmira għall-għaġna ta' fil-għaxija, imbagħad hi u ommha kienu joborxu u jnaddfu t-tilari, jaħslu l-bċejjeċ li jgħattu l-ħobż bihom, ifarfru d-dugħ, josomtu l-injiebi u l-istla, ihejju l-melħ, jiżnu d-dqiq u jħalltuh massmid biex, meta jidlam, Ġorġ isib kollox imħejji għalkemm jieħu x-xogħol il-forn; hu kien jagħġen bil-magna għand tal-forn, imbagħad sakemm iħalli l-għaġna titla' u jlewwet u jqatta' l-ħobż, sakemm jaħmih u jsajru, joħorġu mill-forn u jħallih jibred, kien isebbaħ u maż-żerniq tal-jum Ġorġ kien dlonk igħabbi u jimborġa l-kaxxa bil-ħobż u traku jsuq għall-Belt qabel tlugħ ix-xemx.

Ġorġ qatt ma qata' qalbu mix-xogħol, imma 'issa kien beda jikber u jħoss ruħu daqsxejn għajjien u xi drabi kien bħal jixtieq li kellu xi tifel biex jibgħat lilu jbigħ il-ħobż għax wara lejl imqajjem filgħodu kien beda jħoss ruħu daqsxejn mitluq, iżda Ġorġ ma kellux ħlief tifla waħda. Sika kienet żagħżugħa bieżla u bil-għaqal, miġbura d-dar, medhija bix-xogħol. Xebbiet oħra ta' żmienha kienu kollha żżewġu, iżda Sika qatt ma sabet bniedem li tħajjar għaliha aktarx għax minn wiċċha ma tantx kienet tinqala' u għalkemm kellha qalb tad-deheb u għaqal biex tbigħ, iżda kienet nieqsa mill-ġmiel li jsebbaħ il-wiċċ u jiġbed qlub iż-żgħażagħ; hija qatt ma fittxet il-frugħa u t-tlellix; kellha wiċċha twil u mgħaddam, xuftejha bla ħajr u għajnejha għalkemm jiddu bil-ħrara ta' qalbha, ma kienx fihom dik ix-xrara li tixgħel qalb min iħares lejhom.

Sika kienet tħoss għafsa ta' qalb meta tara xbejbiet oħra jiġbdu ż-żgħażagħ għal warajhom u hi qatt ħadd ma jħares lejha u mhux darba jew tnejn, miġbura fiha n-

nfisha, xtaqet li kellha min iħobbha ħalli fuqu tkun tista' tixħet il-ħrara tal-qalb tagħha; għall-ewwel hija ttamat u ħasset il-milja ta' żgħużitha tfawwar f'xenqet l-imħabba, iżda meta s-snin bdew jitgerbu waħda wara l-oħra, it-tama trażżnet, ix-xewqa naqset, il-ħrara birdet u l-qalb issabbret mill-aħjar li setghet.

* * *

Lejla waħda xħin Ġorġ kien il-forn qiegħed jaħbeż il-furnata tiegħu, il-għadu ħabat għal Malta mill-ajru bi ħruxija kbira; il-furnar u l-ħabbieża ħasbu għal rashom u niżlu jiġru fil-bir fejn kien imħaffer kenn ġewwa l-blat; Ġorġ kien se jagħmel bħalhom, iżda ftakar li dak il-ħin kellu l-ħobż tiegħu qiegħed jinħema fil-forn u ma riedx iħallih jinħaraq għal wiċċ il-għadu; bla ma qagħad jimla rasu bil-biża' tal-ajruplani, hu medd tilar fuq żewġ strippi, qabad pala u beda joħroġ il-ħobż mill-forn u jqiegħdu jibred fit-tilar.

Kienet lejla mudlama b'sema safi u mingħajr fewġa riħ; barra l-forn kien hemm ħemda li twaħħax u ma kienx jinħass ħlief iż-żaqżiq tad-dawwara u l-luqqata tal-magna li tagħġen il-ħobż imħaddma mill-bhima fil-kamra ma' ġenb il-bitħa; iżda mbagħad fis-sema beda jinstama' twerdin ta' ajruplani u l-ħoss tagħhom, daqqa mitfi u daqqa qawwi, dam qatigħ ġej u sejjer donnhom ma jridux iwarrbu minn fuq ir-raħal. Dak it-twerdin u t-tvenvin bla ma jaqta' ġej minn ajruplani li ma jidhrux, kien ikessaħ il-qalb u jqajjem tkexkixa f'kull min jisimgħu.

Ġorġ għamel ħila lilu n-nifsu u beda joħroġ il-ħobż b'ħeġġa kbira u biex igħatti l-ħsejjes tal-ajruplani kif ukoll biex iwennes lilu n-nifsu, beda jsaffar u jħabbat il-pala u l-ġebbieda fuq il-madum mikwi ta' ġewwa l-forn; kien għoddu ħareġ il-ħobż kollu meta f'daqqa waħda nstama' tfaqqigħ kbir ta' balal. Ġorġ inħasad u ħareġ jiġri fil-bitħa biex jara x'kien ġara; malli feġġ għal beraħ hu lemaħ fis-sema snug ta' dwal qawwija u 'l fuq fil-għoli ħafna, maqbud minn żewġt idwal, kien jidher ajruplan itir b'ħeffa kbira u mdawwar il-ħin kollu b'beraq ta' nirien u tfaqqigħ ta' balal.

Ġorġ baqa' jħares 'il fuq donnu msaħħar minn dik id-dehra ta' qilla, iżda f'daqqa waħda nstama' nieżel mis-sema bħal ħoss ta' tħaxwix u ta' tisfir, u minnufih Ġorġ għajjat b'uġigħ kbir u nstabat ma' l-art milqut f'rasu minn laqxa ta' balla. Il-furnar u l-ħabbieża telgħu jiġru minn ġewwa

l-bir, wasal it-Tabib, marru dawk ta' l-Ewwel Għajnuna, infaxxaw il-Ġorġ mill-aħjar li setgħu u bagħtuh l-Isptar bla telf ta' żmien.

Mas-sebħ waslet aħbar mill-isptar li Ġorġ ma kienx ħażin; martu u bintu ħadu r-ruħ, imma issa x'se jagħmlu bil-qantarejn ħobż li kellhom fit-tilari mhejjijin biex jitqassmu l-Belt? Mijiet ta' nies kienu jinqdew minn għand Ġorġ tal-Ħobż u jekk ma jmurilhomx hu, kienu jsibu ruħhom f'taħbila kbira u ħafna minnhom kellhom mnejn jibqgħu mingħajr il-ħobża ta' kuljum, barra dan, dak il-ħobż kollu jekk ma jinbiegħx dak in-nhar kien jibbies u jitħassar u jkollu jintrema. Mart Ġorġ dehrilha li aħjar jaraw isibux xi raġel li jmur ibiegħ il-ħobż għalihom u kellmu lil ħafna nies fuqhekk, iżda ma setgħux isibu bniedem li jinqala' għal dak li riduh huma għax min ma kienx tas-sengħa, min ma kienx jaf it-toroq fejn kien idur Ġorġ u min ma kienx jagħraf in-nies li jixtru minn għand Ġorġ.

Dawk iż-żewġ nisa nstarmu, ma għarfux x'jibdew jagħmlu u qalbhom ingħasret meta raw li dak il-ħobż kollu, li għalih Ġorġ kien issogra ħajtu, kien aktarx se jinħela u jintilef; iżda f'daqqa waħda Sika qamet fuq tagħha u għamlet il-ħila lilha n-nfisha:

"Immur inbiegħ il-ħobż jien, Ma!" qalet.

L-omm ġibdet xufftejha, kemmxet ħuġbejha u baqgħet ħosbiena għal ftit tal-ħin, imbagħad:

"Fejn trid tmur, binti ! f'dak il-għagħa u t-taħwid tal-Belt ?" qalet.

"Immur għax ma jixraqx li nħallu dan il-ħobż kollu jinħela. Ikun dnub jekk inħallu l-ħobż jintrema wara li missieri ra l-mewt biex ħmieh."

L-omm baqgħet bejn ħaltejn jekk tgħidx le jew iva, iżda l-bint baqgħet issus :

"Barra dan, ara fiex isibu ruħhom dawk il-ħafna nies li mdorrijin jieħdu l-ħobż minn għandna jekk nonqsuhom illum; jekk issa nħalluhom b'xejn huma kollha jitilquna u meta missieri, jekk Alla jrid ifieq u joħroġ għax-xogħol ma jsibx aktar xerrejja."

Mart Ġorġ kellha tmejjel rasha u tgħid iva.

* * *

Hija u dieħla l-Belt bil-karettun tal-ħobż, Sika lemħet dehriet li jiksru l-qalb u rat mill-qrib il-hemm li ġġib il-gwerra; hija ltaqgħet ma' familji sħaħ imbikkijin, imwerwrin

maħtufin u mifxulin, ħerġin mill-Belt iġorru kull ma jistgħu magħhom: tfal ikarkru bċejjeċ tal-għamara fuq karettuni tal-idejn, nisa jqandlu t-trabi fuq dirgħajhom, irġiel jerfgħu ħwejjeġ tad-dar fuq spallejhom; u karettuni mgħobbijin b'għamajjar, karrozzi tan-nar iġorru tagħbijiet tqal, u agħjat u taħwid u għaġla u ġiri.

F'dik il-fixla kollha bint Ġorġ ħabtet se titħawwad, imma għamlet il-ħila u baqgħet issuq għal ġewwa l-Belt, iżda mita waslet hemm u qabdet it-triq ewlenija, dehra ta' qsim il-qalb feġġet quddiem għajnejha: l-aqwa ħwienet, l-ogħna djar, l-isbaħ palazzi kienu mġarrfin borġ ġebel; minn ħdejn Misraħ San Ġwann sa ħdejn il-Palazz kien kollu ħerba waħda, ħerba li twaħħax, ħerba li tbikki: il-qalba tal-belt kienet inbidlet f'roqgħa ta' qirda u ta' waħx.

Fejn dari kien il-Qorti kien baqa' xi erba' ħitan imżakkrin u mheżhżin, mill-bqija braġ ta' ġebel, għowwied miksurin, travi mqaċċtin u żġieġ imfarrak; l-arja kienet mimlija b'għabra li toħnoq u bi dħaħen li jdemmgħu u l-art kienet miksija bi trabijiet u tjun, bi frak ta' żġieġ, karti u ċraret u b'ħafna ntietef oħra fil-waqt li riħa ta' ħruq kienet tgħatti kullimkien.

In-nies kienu jidhru maqtugħin u mwerwrin; kulħadd imgħaġġel bla ma jaf fejn sejjer, kulħadd mifxul donnu mberwel; min jibki xortih, min jara jistax jeħles xi ħaġa mill-ħerba u min jisħet il-għadu. Nies tal-ħwienet kienu miġburin donnhom ħafna rjus maqtugħa ħdejn fejn kellhom in-negozji tagħhom li issa saru tlief, u suldati u pulizija u nies tax-xogħol jiġru min-naħa għal oħra, imexxu n-nies, iġarrfu ġebel se jaqa' u jwarrbu kull ma jistgħu jeħilsu mit-tiġrif.

Ħdejn il-Qorti u qrib San Ġwann kien qiegħed jaqbad ħruq kbir, u qtajja' ta' pulizija u ġlejjeb ta' suldati kienu jiġru min-naħa għal oħra bil-manki f'idejhom ibixxu u jtajru b'saħħa kbira gliegel ta' ilmijiet fuq in-nirien, fil-waqt li ftit il-bogħod il-ħsejjes tal-magni li jħaddmu l-pompi kienu jtarrxu lil kull min jersaq lil hinn.

F'din il-geġwiġija kollha Sika tħawdet u tfixklet, baqgħet ma tafx x'tibda tagħmel jew fejn tmur; dak il-għagħa u dik il-fixla tawha f'rasha; il-pulizija bdew igħajtulha biex tfittex issuq u twarrab min-nofs, iżda l-bhima bdiet tonfor u t-toroq kienu magħluqin u mimlijin bi gziez ta' tħarbit bilkemm wieħed kien jista' jgħaddi minnhom. Dak il-ħin erba' suldati għaddew jiġru jkarkru manka tal-ilma u

għalqu t-triq. Sika qatgħet qalbha u f'daqqa waħda tilfet kull ħila, għajnejha nkisru, bdew idemmgħu, ħasset dwejjaq kbar jimlewlha sidirha u kienet se tinfexx tolfoq, iżda f'dak il-ħin żagħżugħ tar-raħal inqala' minn taħt il-ħajt u resaq lejn il-bhima, b'idu l-leminija qabadha mill-maħanqa u b'idu x-xellugija beda jtaptpilha fuq għonqha filwaqt li xeħet għajnejh fuq Sika donnu biex igħidilha: "Taqtax qalbek !"

Bint Ġorġ tal-Ħobż ħadet ir-ruħ u għamlet il-ħila kif rat lil dak iż-żagħżugħ u :

"Il-Bambin bagħtek, Bastjan ! " qaltlu.

Bastjan kien mir-raħal ta' Sika u joqgħod ftit bogħod minnha; hu kien intafa' l-Belt minn ċkunitu u baqa' sa kemm kiber jaħdem hemm; beda bħala tifel jaqdi lil wieħed bil-posta fis-suq, imbagħad bidel ħafna mgħallmin sakemm daħal xrik f'ħanut tal-kafè u kont tarah il-jum kollu jiġri bil-gabarre f'idu jqassam kafejiet u tejiet lill-impjegati fl-uffizzji. Il-ġurnata tiegħu Bastjan kien jaqlagħha mhux ħażin, iżda hu ma kienx f'siktu għax ma xtaqx li jibqa' dejjem xrik u dan l-aħħar kien ta' sikwit iredden b'moħħu medhi biex jara kif jaqbad xi tarf ta' negozju għal rasu. Imma mhux malajr wieħed jaqbad jaħdem xi ħaġa jekk ma jkollux flus f'idejh u Bastjan, għalkemm ma kienx batut, ma kellux flus imfaddlin.

Dik il-għodwa, wara lejl ta' *blitz*, Bastjan daħal ukoll il-Belt għax-xogħol, iżda flok il-ħanut tal-kafè fejn kien jaħdem, sab borġ ġebel u tiġrif u siġġijiet u mwejjed imkissrin u tazzi u kikkri mfarrkin; waqaf miblugħ iħares lejn dik il-ħerba kollha u wkoll wara li l-Pulizija wissewh biex jimxi, hu baqa' bla ma ċċaqlaq b'dahru ma' ħajt u b'għajnejh imsammrin fuq dik il-ħsara li tbikki; u min jaf kemm kien idum hemm li kieku ma nqalgħetx it-tifla ta' Ġorġ tal-Ħobż.

"Fejn sejra ? Waħdek ?" staqsa Bastjan.

"Dħalt il-Belt biex inqassam il-ħobż. Ma tafx li missieri waġġa' dal-lejl ?"

"Hawn mhux qagħadek."

"Ma sibna 'l ħadd li jaqlagħna; jien biss nafhom ix-xerrejja ta' missieri billi xi drabi ġie li ġejt il-Belt miegħu; u li dal-għodu ma dħaltx hawn jien, dawn il-qantarejn ħobż kienu jibbiesu u jinħlew."

Bastjan ħass bħal ġibda għal dik ix-xbejba bieżla u qalbenija, il-ħila tagħha messitlu qalbu u għalkemm ix-

xbieħa ta' wiċċha ma kienx fiha ħajr, dak iż-żagħżugħ deħerlu li bint Ġorġ kienet tiswa mitqilha deheb; hu qagħad jaħsibha għal ftit tal-ħin imbagħad:

"Tridx niġi ntik daqqa t'id?" staqsiha.

"Nibqa' nafhulek, Bastjan! u l-Bambin iħallsek ta' kull ma tagħmel magħna" wieġbet Sika bil-ħerqa.

* * *

Hekk dak in-nhar, għalkemm fil-Belt kienet qamet taħbila tal-waħx, lil dawk li kienu mdorrijin jixtru minn għand Ġorġ waslilhom il-ħobż qisu ma kien ġara xejn, u anqas il-għada jew fil-jiem ta' wara ma naqsithom il-ħobża ta' kuljum għax imbagħad Bastjan baqa' jidħol il-Belt iqassam hu l-ħobż ta' Ġorġ.

Madankollu l-ġibda li Bastjan kien ħass lejn Sika maż-żmien issaħħet u nbidlet f'xejra ta' mħabba qawwija. Dik ix-xbejba għalkemm irżina u mistħija ħasset tferfira f'qalbha meta ntebħet li kellha min iħobbha bħal ma kellhom ħbiebha, u ħasset ruħha mhix inqas minnhom. Ġorġ tal-Ħobż, li issa kien beda jikber u jegħja, laqa' b'idejh miftuħa lil Bastjan għax għarfu bħala tifel ħawtiel u tal-ħsieb; fil-waqt li dak iż-żagħżugħ ħass ruħu xxurtjat mhux biss għax kien iltaqa' ma' xebba twajba, bieżla u tal-għaqal iżda wkoll għax fl-aħħar kien seħħlu jaqbad f'idejh tarf ta' negozju u hekk ma jibqax xrik aktar.

ĠUŻÈ GALEA